



# Il-Bumbarda

Joseph F. Cachia

Lej' l-bumbarda konna mmorru,
Meta x-xita tkun għaddiet.
Magħna xejn ma konna nġorru,
Biex nilagħbu hemm fil-kwiet.

Ħofra kienet dil-bumbarda,
Ġewwa x-xagħra tal-Qortin.
Kienet daqs ħames mitt jarda,
Mid-dar tagħna, f'Ta' Snajjin.

Malli tagħmel bexxa sewwa
'l hemm arana, lkoll sejrin.
Hienja li tlaqna minn ġewwa.
Ilkoll l'aħna ferħanin.

Kienet ftit 'il bogħod mill-qiegħa
Li kellu z-ziju Ġuż.
Hemm qattajt jien kemm-il siegħa.
Żmien li llum narah prezzjuż.

Il-ħofra ma kinitx kbira
U l-ilma ma kienx tant fond.
'Ma għalina kellha tifsira.
Ħalli ngħidha ċar u tond.

Kienet bajja! Kienet baħar,
Għalina bniet u subien.
Sal-lum stess, għadni niftakar,
Kemm kien sabiħ dak iż-żmien.

Konna żgħar, dejjem ferħana
Nilagħbu, ninbxu 'l xulxin.
Tassew kienet l-hena tagħna
Inċafalsu, imxarrbin.

Ma' xtutha xi kmamar bnejna.
Ġebel imkaħħal bit-tajn.
B'landi msadda s-soqfa għattejna.
Ma tantx kienu sbieħ fil-għajn.



*Il-Bumbarda kienet ħofra bl-ilma bħal din.*



*Il-Bumbarda kienet ftit 'il fuq mill-blata li tidher immarkata b'ċirku.*



*Żrinġ bħal dawk li konna naqbdu.*

Mas-soqfa anke ħsibnielhom
Sabiex l-ilma ma joqgħodx.
L-għonq ta' flixkun waħħalnielhom.
Rajna illi t-tajn ma jsoddx.

Fihom xi 'dgħajjes' daħħalna.
Biċċa kienu tal-metall,
Oħrajn mill-injam sawwarna.
Xogħol kif jafu jagħmlu t-tfal.

Mill-imżiewed tal-piżelli,
Jien kont ħloqt kenuwijiet.
Ma nafx jien kemm minnhom kelli.
Kont nagħmilhom flgħaxijiet.

Darba għal ftit ma spiċċajtx mejjet
Meta ġol-ilma waqajt.
Naħseb li ssugrajt iżżejjed!
Bl-għajnuna ta' oħti, tlajt!

Żrinġijiet qbadna b'idejna
Dawna ħadniehom lej' d-dar.
Konna tfal u dlonk insejna,
Li qed nagħmlu ħsarat kbar.

Għall-marżebb, mhux darba stadna.
Minnhom dejjem kien hemm sew.
Dawn f'vażett lejn djarna ħadna.
Bla tbatija kienu ġew.

Però, l-iktar li fittixna
Kienu gambli, tassew żgħar.
Fl-ilma ħelu aħna għarrixna.
Fil-qiegħ nett tal-ilma ċar.

Gambli dawn tal-ilma ħelu
Żgħar imma tassew sbejħin
F'nofshom boċċa ħamra jew blu
Qishom bozoz mixgħulin.

Daw' l-ħwejjeġ li semmejt jiena
Illum saru tifkiriet.
Kollox inqered bla ħniena!
Kollox tgħatta bil-binjiet!

*Għajn Żejtuna*
*30/06/2024*



Imrieżeb.



Gamblu tal-ilma ħelu.

ALKOVA
SHOES FOR ALL THE FAMILY
SELECTION OF HANDBAGS

Opening Hours
Monday to Saturday 9.30am - 1.30pm & 4.00pm - 8.00pm

Ġorġ Borg Olivier Street, Mellieħa
Tel: **2152 1211** Mob: **7992 3060**